



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1725 tat-23 ta' Settembru 2016 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għar-raja ondjata fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona VIII minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Franza** 1
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1726 tas-27 ta' Settembru 2016 li jemenda l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-karvon, tal-fosfat tad-diammonju, tas-Saccharomyces cerevisiae tar-razza LAS02 u tax-xorrox ⁽¹⁾** 3
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1727 tas-27 ta' Settembru 2016 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 5
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1728 tas-27 ta' Settembru 2016 li jiffissa l-koeffiċjent ta' allokkazzjoni li għandha tapplika għall-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqa mit-8 sal-14 ta' Settembru 2016 fil-kuntest tal-kwota tariffarja miftuħa mir-Regolament (KE) Nru 891/2009 fis-settur taz-zokkor u s-sospensjoni tat-tressiq tal-applikazzjoni għal liċenzji bħal dawn 7

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1725

tat-23 ta' Settembru 2016

li jstabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għar-raja ondjata fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona VIII minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Franza

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/72 ⁽²⁾, jstabbilixxi l-kwoti għall-2016.
- (2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew li huma rreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2016.
- (3) Għalhekk jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Eżawriment tal-kwota

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2016 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Projbizzjonijiet

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew li huma rreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jiġi pprojbit li ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawġ il-bastimenti jinżamm abbord, jiġi rilokat, jiġi trażbordat jew jinħatt l-art wara dik id-data.

⁽¹⁾ ĠUL 343, 22.12.2009, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/72 tat-22 ta' Jannar 2016 li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2016 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/104 (ĠU L 22, 28.1.2016, p. 1).

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Settembru 2016.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
João AGUIAR MACHADO
Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

ANNEX

Nru	31/TQ72
Stat Membru	Franza
Stokk	RJU/07D.
Speċi	Raja ondjata (<i>Raja undulata</i>)
Żona	L-ilmijiet tal-Unjoni ta' VIId
Data tal-għeluq	12.9.2016

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1726**tas-27 ta' Settembru 2016****li jemenda l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-karvon, tal-fosfat tad-diammonju, tas-*Saccharomyces cerevisiae* tar-razza LAS02 u tax-xorrox****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u animali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ma għe stabbilit l-ebda limitu massimu speċifiku ta' residwu (MRLs) għall-karvon, għall-fosfat tad-diammonju, għas-*Saccharomyces cerevisiae* tar-razza LAS02 u għax-xorrox. Peress li daww is-sustanzi ma għewx inklużi fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, japplika l-valur prestabbilit ta' 0,01 mg/kg stipulat fl-Artikolu 18(1)(b) ta' dak ir-Regolament.
- (2) Fir-rigward tal-karvon, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet ⁽²⁾ li l-inklużjoni tal-karvon (d-l-karvon bi proporzjon ta' mill-inqas 100:1) fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 hija f'lokha.
- (3) Il-fosfat tad-diammonju huwa approvat bħala sustanza bażika skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾. Fid-dawl tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/548 ⁽⁴⁾, il-Kummissjoni tqis li l-inklużjoni ta' dik is-sustanza fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 hija f'lokha.
- (4) Dwar is-*Saccharomyces cerevisiae* tar-razza LAS02, l-Awtorità kkonkludiet ⁽⁵⁾ li l-inklużjoni ta' dik is-sustanza fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 hija f'lokha.
- (5) Ix-xorrox huwa approvat bħala sustanza bażika skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Fid-dawl tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/560 ⁽⁶⁾, il-Kummissjoni tqis li l-inklużjoni ta' dik is-sustanza fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 hija f'lokha.
- (6) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 għandu jiġi emendat skont dan.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

⁽¹⁾ ĠUL 70, 16.3.2005, p. 1.⁽²⁾ L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, 2016. "Statement on the assessment of the pesticide active substance carvone (d-l-carvone at a ratio of at least 100:1) for inclusion in Annex IV of Regulation (KE) Nru 396/2005" (Dikjarazzjoni dwar il-valutazzjoni tas-sustanza attiva pestiċida karvon (d-l- karvon bi proporzjon ta' mill-inqas 100:1) għall-inklużjoni fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005). *EFSA Journal* 2016;14(2):4405, 14 pp. doi:10.2903/j.efsa.2016.4405.⁽³⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠUL 309, 24.11.2009, p. 1).⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/548 tat-8 ta' April 2016 li japprova s-sustanza bażika fosfat tad-diammonju, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠUL 95, 9.4.2016, p. 1).⁽⁵⁾ L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, 2015. "Conclusion on the peer review of the pesticide risk assessment of the active substance *Saccharomyces cerevisiae* LAS02" (Konklużjoni dwar l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi tas-sustanza attiva *Saccharomyces cerevisiae* LAS02). *EFSA Journal* 2015;13(12):4322, 29 pp. doi:10.2903/j.efsa.2015.4322.⁽⁶⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/560 tal-11 ta' April 2016 li japprova s-sustanza bażika xorrox skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠUL 96, 12.4.2016, p. 23).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, l-entrati li ġejjin jiddaħħlu f'ordni alfabetika:

“karvon (*)

(*) Fi żmien l-inklużjoni fl-Anness IV ir-rakkomandazzjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel tirreferi għall-użi eżistenti. Jekk huma previsti użi ġodda, l-impatt fuq l-esponiment tal-konsumatur irid jiġi kkunsidrat mill-ġdid mill-Istat Membru li jawtorizza.”,

“fosfat tad-diammonju”,

“*Saccharomyces cerevisiae* tar-razza LAS02”

“xorrox”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Settembru 2016.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1727**tas-27 ta' Settembru 2016****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.
- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Settembru 2016.

*Għall-Kummissjoni,**F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.⁽²⁾ ĠUL 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNEX

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	MA	162,7
	ZZ	162,7
0707 00 05	TR	125,7
	ZZ	125,7
0709 93 10	AR	162,6
	TR	133,9
	ZZ	148,3
0805 50 10	AR	106,5
	CL	124,5
	TR	99,0
	UY	70,9
	ZA	95,1
	ZZ	99,2
0806 10 10	TR	133,8
	ZA	80,3
	ZZ	107,1
0808 10 80	AR	154,2
	BR	97,9
	CL	139,8
	NZ	124,7
	US	144,0
	ZA	118,7
	ZZ	129,9
	CL	126,9
0808 30 90	CN	92,9
	TR	130,3
	ZA	155,4
	ZZ	126,4
	TR	128,6
0809 30 10, 0809 30 90	TR	128,6
	ZZ	128,6

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1728**tas-27 ta' Settembru 2016**

li jiffissa l-koeffiċjent ta' allokkazzjoni li għandha tapplika għall-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqa mit-8 sal-14 ta' Settembru 2016 fil-kuntest tal-kwota tariffarja miftuħa mir-Regolament (KE) Nru 891/2009 fis-settur taz-zokkor u s-sospensjoni tat-tressiq tal-applikazzjoni għal liċenzji bħal dawn

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agricoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 188(1) u (3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 891/2009 tal-Kummissjoni ⁽²⁾ fetħu kwoti tariffarji annwali għall-importazzjoni ta' prodotti fis-settur taz-zokkor.
- (2) Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet tal-liċenzji ta' importazzjoni mressqa mit-8 sal-14 ta' Settembru 2016 għas-subperjodu mill-1 sal-31 ta' Ottubru 2016 jeċċedu l-kwantitajiet disponibbli skont l-ordnijiet numru 09.4320 u 09.4321. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi ddeterminat sa liema punt jistgħu jinħarġu l-liċenzji għall-importazzjoni, billi jiġi stabbilit il-koeffiċjent tal-allokkazzjoni li għandu jiġi applikat għall-kwantitajiet mitluba, ikkalkulati f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 ⁽³⁾. Il-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet oħra għal liċenzji ta' importazzjoni skont dawk l-ordnijiet b'dawk in-numri għandhom jiġu sospiżi sa tmiem il-perjodu tal-kwota.
- (3) Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet tal-liċenzji ta' importazzjoni mressqa mit-8 sal-14 ta' Settembru 2016 għas-subperjodu mill-1 sal-31 ta' Ottubru 2016 huma ugwali għall-kwantitajiet disponibbli skont l-ordni numru 09.4319. Il-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet oħra għal liċenzji ta' importazzjoni skont dik l-ordni b'dak in-numru għandhom jiġu sospiżi sa tmiem il-perjodu tal-kwota.
- (4) Sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni effiċjenti tal-miżura, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet tal-liċenzji ta' importazzjoni mressqa skont ir-Regolament (KE) Nru 891/2009 mit-8 sal-14 ta' Settembru 2016, għandhom jinħarġu skont il-koeffiċjent ta' allokkazzjoni stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
2. Il-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet ġodda għal liċenzji ta' importazzjoni skont l-ordinijiet bin-numri indikati fl-Anness hija sospiża sa tmiem il-perjodu tal-kwota 2016/2017.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur taz-zokkor (ĠU L 254, 26.9.2009, p. 82).⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jstabilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agricoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni (ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Settembru 2016.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Jerzy PLEWA
Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali*

ANNEX

“Il-konċessjonijiet CXL taz-zokkor”

Il-perjodu tal-kwota 2016/2017

Applikazzjonijiet imressqa mit-8 sal-14 ta' Settembru 2016

In-numru tal-ordni	Il-pajjiż	Il-koeffiċjent tal-allokazzjoni (f'perċentwal)	Applikazzjonijiet ġodda
09.4317	L-Awstralja	—	—
09.4318	Il-Brażil	—	—
09.4319	Kuba	—	Sospiżi
09.4320	Kull pajjiż terz	4,79785	Sospiżi
09.4321	L-Indja	3,118762	Sospiżi

“Iz-zokkor mill-Balkani”

Il-perjodu tal-kwota 2016/2017

Applikazzjonijiet imressqa mit-8 sal-14 ta' Settembru 2016

In-numru tal-ordni	Il-pajjiż	Il-koeffiċjent tal-allokazzjoni (f'perċentwal)	Applikazzjonijiet ġodda
09.4324	L-Albanija	—	—
09.4325	Il-Bożnja-Herzegovina	—	—
09.4326	Is-Serbja	—	—
09.4327	L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	—	—

“Zokkor għal importazzjoni eċċezzjonali” u “Zokkor industrijali”

Il-perjodu tal-kwota 2016/2017

Applikazzjonijiet imressqa mit-8 sal-14 ta' Settembru 2016

In-numru tal-ordni	It-tip	Il-koeffiċjent tal-allokazzjoni (f'perċentwal)	Applikazzjonijiet ġodda
09.4380	Importazzjoni eċċezzjonali	—	—
09.4390	Zokkor industrijali	—	—

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT